**MINUTI**

**Laqgha b'Urgenza tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 15**

**Data:** **9 ta' Lulju 2025**

**Hin:** **11.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

15.1 Devoluzzjoni Art fi Triq Tumas Cassar

15.2 Tmiem tal-laqgha.

---

Il-Kunsilliera Tonio Mifsud u Joseph Mizzi ma' setghux jattendu minhabba impenji ta' xoghol u ghaldaqstant kienu qed jigu skuzati.

**15.1 Devoluzzjoni Art fi Triq Tumas Cassar**

15.1.1 Is-Sindku qal li din il-laqgha ssejhet b'urgenza minhabba process ta' devoluzzjoni tal-art tal-Wied tal-Knisja fejn mill-bidu tal-Kunsill dan kien dejjem xtaqt li hemmhekk isir gnien fejn il-bdiewa li qed jahdmu l-art jkomplu juzaw l-art li qedghin jahdmu u jkun progett aktar ikkurat. Fl-2001, kien hemm ukoll skema tal-Gvern ghal qbila pero' fejn kienu ihallsu €50 pero' dan il-process ma' tkompliex u issa jidher li ser jitkompla. Kien hemm hafna laqghat li saru flimkien

ma' talbiet u pjanti min-naha tal-Kunsill fejn kien wera l-interess tieghu sabiex din l-art tintuza bhala art agrigola.

Fl-2002, il-Kunsill kien ghamel talba sabiex iz-zoni tal-art tal-gvern gewwa l-Gharb ghandhom jigu amministrati mill-Kunsill u mhux jaqghu taht il-privat. Ta' din il-Kunsill kien irceiva konferma ta' acknowledgement. U dan bhal fil-kaz tal-propjeta' tal-Knisja li lanqas dawn ma jhallsu. Is-Sindku qal li din il-komunikazzjoni bejn il-Kunsill u l-Awtorita' tal-Artijiet ilha hafna sejra u huwa tal-opinjoni li ma' tibqax' biss bejn il-Kunsill u d-Dipartiment imma tohrog pubblika. Dan anke peress li wara li l-Kunsill kien rebha kawza l-qorti fiz-zona tal-Wied tal-Knisja, l-Awtorita' injorat id-decizjoni tal-qorti. Il-Kunsill kien anke ghamel ittra ufficjali pero' qatt ma twiegbet. Is-Sindku qal li dan il-laqgha b'urgenza isejhet biex il-Kunsill ikun jista' jiehu l-azzjoni necessarja u jobbliga lid-Dipartiment tal-Artijiet jimxu mas-sentenza tal-Qorti. Is-Sindku zied jghid li huwa kellu diversi laqghat ma' diversi Ministeru u CEOs pero' kienu saru hafna weghdiet u hadd ma' ha azzjoni. Lisa Marie Brooke staqsiet kienx hemm zmien u s-Sindku qal li kien hemm 30 gurnata.

Is-Sindku ssugerixxa li tinhareg staqarrija u jittiehed il-parir tal-avukat sabiex il-process ta' qbiela jitwaqqaf.

Giet moqrija draft tal-press release fejn il-Kunsill qabel maghha u li din ghadna tghaddi ghand l-avukat sabiex tigi verifikata u wara ppublikata. Il-Kunsill qabel ukoll li skond il-parir tal-avukat jekk ikun hemm bzonn li jsir mandat dan ghandu jsir.

**15.2 Tmiem tal-laqgha**

15.2.1 Il-laqgha intemmet fil-11.30am

Konfermati minn:

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv